**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 13 ta' Ottubru, 2020**

**Rikors Revoka Nru: 682/2020 AF**

**Alfred Zammit**

**vs**

**Dino Fino bhala Chief Executive Officer u in rapprezentanza ta' Al Sadi Fino Company Limited - C81069**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Dino Fino li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija, talab lil din il-Qorti biex:

1. Tisma' u tiddeciedi dan ir-rikors b'urgenza a tenur tal-Artikolu 836(4) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Previa kwalsiasi dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, ghar-ragunijiet kollha fuq esposti, tordna r-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 849/2020 a tenur tal-provvediment tal-paragrafu (b) u/jew (d), tal-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Timponi penali fuq l-attur ezekutanti ai termini tal-artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. F'kaz illi t-tieni (2) u t-tielet (3) ma jigux milqugha, tikkundanna r-rikorrenti, sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti, jipprovdu garanzija adegwata ghal hlas ta' penali, danni u imghax, u fin-nuqqas li jaghmlu dan, tnehhi l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 849/2020 u dana kollu, ai termini tal-provvediment tal-artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-attur ezekutanti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Alfred Zammit.

Rat l-atti.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat in camera.

Ikkunsidrat illi doveruz ghall-Qorti tenfasizza t-taghlim kostanti ta' dawn il-Qrati fis-sens illi l-istharrig li taghmel il-Qorti fi proceduri ta' din ix-xorta jibqghu dejjem fil-parametri ta' dak li jidher mad-daqqa t'ghajn b'dana illi l-mertu tal-vertenza bejn il-partijiet jibqa' essenzjalment rizervat ghall-Qorti meta din tkun qeghda tiehu konjizzjoni tal-kawza fil-mertu. Inoltre, jigi enfasizzat ukoll illi wiehed ma jistax leggerment ixejjen il-jedd ta' kreditur li jqieghed fis-sod il-pretensjoni tieghu.

Ir-rikorrenti jsejjes it-talba tieghu fuq id-disposizzjonijiet tal-Art. 836(1)(b) u (d) li jiggusitifkaw it-thassir ta' mandat kawtelatorju:

> *"(b) li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti;*
>
> u
>
> *(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv."*

Il-Qorti ma ssib ebda raguni thassar il-mandat a tenur tal-fuq citat subinciz (a).

Mhux l-istess tqis b'referenza ghas-subinciz (d).

Jirrizulta li l-mandat *de quo* intalab u nhareg sabiex Alfred Zammit jikkawtela pretensjoni tieghu ghall-hlas ta' commissions li jsostni li huma dovuti lilu mis-socjetà Al Sadi Fino Company Limited.

Il-mandat inhareg fil-konfront ta' Dino Fino bhala Chief Executive Officer u in rapprezentanza ta' Al Sadi Fino Company Limited.

Jirrizulta li Dino Fino, ghalkemm azzjonist u direttur tas-socjetà, huwa wkoll impjegat bhala Chief Executive Officer. Ma jirrizultax mill-atti illi huwa ghandu r-rapprezentanza legali tal-istess. *Ex admissis*, is-sekwestrant m'huwa qieghed jippretendi ebda hlas minghand Dino Fino personalment. Dino Fino ssemma' fil-mandat inutilment.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' Dino Fino fis-sens illi thassar il-mandat 849/2020 sa fejn dan jolqot lil Dino Fino.

Ma jirrizultawx lill-Qorti cirkostanzi li jwassluha timponi penali a tenur tal-Art. 836(8) tal-Kap. 12.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti Alfred Zammit.

IMHALLEF